**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

Avviz Numru: 305/2018 NL

*Wara l-ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru 2018 numru 3804/2018 fl-ismijiet:*

**Awtorita` tal-Ippjanar**

**vs**

**MFF Ltd. (C-15289)**

Illum, 22 ta' Frar, 2023

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat ir-rikors[1] ta' MFF Ltd. Tal-4 ta' Dicembru 2018 ai termini tal-artikolu 100(7) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu ippremettiet illi t-talba ghal hlas ta' multi gurnaljieri mill-Awtorita` intimata hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba li fil-fehma taghha, hija qatt ma wettqet il-vjolazzjonijiet allegati fl-Avviz ta' Twettiq ECF/1145/96 u dan stante li kull ma ghamlet fis-sit in kwistjoni kien li wahhlet tabella mal-faccata tas-sit li tindika li din hija l-fabbrika minn fejn il-kumpanija twettaq l-attivitajiet kummercjali taghha, li huwa prettament dawk kontemplati u permessi fil-koncessjoni lokatizzja mill-Kummissarju tal-Artijiet. Ippremettiet ukoll li l-impozizzjoni ta' multi mill-Awtorita` tal-Ippjanar qua awtorita` pubblika jivvjola l-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk, talbet li din il-Qorti tiddikjara li (i) il-pretensjoni tal-Awtorita` *ai termini* tal-fattura numru 10276 hija infondata fil-fatt u fid-dritt u; (ii) tiddikjara li l-istess fattura 10276 m'hix dovuta. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita`.

Rat ir-risposta[2] tal-Awtorita' tal-Ippjanar tas-27 ta' Dicembru 2018 li permezz taghha l-Awtorita' wiegbet ghar-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti billi sostniet li dan ghandu jigi michud u dan billi, skont hi, ir-ragunijiet migjuba in sostenn tar-rikors huma legalment inammissibbli u fattwalment skorretti. Eccepiet illi din il-Qorti hija ezawtorata milli tistharreg ilmenti ta' natura Kostituzzjonali u li s-socjeta` rikorrenti ma tistax tinqeda' b'dawn il-proceduri biex tikkontesta l-mertu tal-Avviz biex tieqaf u ta' twettieq numru ECF/1145/96 u dan ghaliex il-*forum* idoneju biex taghmel dan huwa t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar a tenur tal-Artikolu 36 tal-Kap. 551 tal-

[1] Fol. 1-4
[2] Fol. 26-27

Ligijiet ta' Malta u billi s-socjeta` rikorrenti naqset milli tintavola appell mill-imsemmi Avviz, hija giet li ssokkombiet u accettat l-istess. L-Awtorita` sostniet ukoll li kienet is-socjeta` rikorrenti li wettqet zvilupp illegali konsistenti fi bdil ta' uzu minghajr permess, u baqghet twebbes rasha u tippersisti f'dan il-ksur ghal zmien wara zmien.

Rat illi permess ta' rikors tal-25 ta' April 2019, is-socjeta` rikorrenti talbet li din il-Qorti, kif diversament preseduta, taghmel referenza billi tibghat il-kwistjonijiet ta' indoli Kostituzzjonali li tqajjmu f'dawn il-proceduri lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u dan ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi permess ta' risposta tat-2 ta' Mejju 2019, l-Awtorita` intimata opponiet ghat-talba ghal referenza u sahqet li din ghandha tigi michuda.

Rat id-Digriet moghti minn dina il-Qorti diversament preseduta li permezz tieghu, cahdet it-talba tas-socjeta` rikorrenti sabiex issir referenza u dan stante li fil-fehma taghha it-talba kienet wahda frinola stante li ma jikkonkorrix punt kostituzzjonali derivanti minn din il-procedura nnifisha kif ukoll stante li hemm triqat ohra legali li s-socjeta` rikorrenti setghet ezercitat u ghalhekk, ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat illi din il-kawza giet assenjata[1] lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[2]

---

[2] Fol. 69

Rat illi waqt l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2021[1] il-provi tas-socjeta` rikorrenti gew maghluqa, filwaqt li fl-4 ta' Ottubru 2022[2], il-provi tal-Awtorita' gew maghluqa ukoll.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet tal-4 ta' Ottubru 2022.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Is-socjeta` rikorrenti ressqet bhala xhud lil **Saviour Ellul**, li spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur fl-imsemmija socjeta` u li l-linja ta' negozju taghha hija dik tal-akwakultura ossija *fish farming*. L-involviment tieghu fl-operat tal-kumpanija huwa wiehed dirett. Spjega li s-sit in kwistjoni jikkonsisti f'*hangar* li kien imbena mis-Servizzi fis-snin 50. Eventwalment ghaddiet f'idejn is-socjeta` rikorrenti fis-sena 1995 u tintuza biex issir munutenzjoni ta' gaggeg tal-hut, hbula u hazna. Ikkonceda li kienu saru xi alterazzjonijiet fl-istrutturi u li "illum qed jigu sanzjonati […] ghandna l-permess avvanzat". Kompla jelabora li dan is-sanzjonar jikkoncerna l-boundary wall li kien twaqqa' u rega' ttella' mill-gdid u saru ukoll xi binjiet fl-intern biex tigi facilitata l-produzzjoni tal-hut in

[1] Fol. 81
[2] Fol. 184

konformita` mal-HACCP li hija licenzja specjali biex tkun tista' tippakkja prodotti tal-bahar. Saret ukoll binja zghira biex takkomoda ufficini kif ukoll fossa biex issolvew problema bid-drenagg li kien nqalghu fiz-zmien. Spjega li l-applikazzjoni ghal sanzjonar mal-Awtorita` tal-Ippjanar qieghda fi stadju avvanzat u ma dahlux oggezzjonijiet ghall-applikazzjoni minn terzi.

L-Awtorita` intimata ressqet lil **Roderick Livori**, li spjega li l-*iter* wara l-avviz ta' nfurzar in kwisjoni, li jgib in-numru ECF/1145/96 origina minn spezzjoni li keienet sart fis-17 ta' Awwissu 1996 fuq is-sit koncernat, fejn kien irrizulta li kien hemm tabella ta' 18-il pied taqra "Malta Fish Farming" u kien hemm tibdil tal-uzu ghax instabu xi *pallets* tal-hut hemmhekk, fejn l-uzu permess kien li jissewwew id-dghajjes. L-avviz kien gie notifikat bl-idejn u minnu ma kienx sar appell. Wara saret applikazzjoni PA/3189/96 "t*o change of use from boat building factory to land base for off-shore fish farming*", liema applikazzjoni kienet giet michuda. Id-decizjoni ta' rifjut kienet giet appellata, izda t-Tribunal kien ikkonferma r-rifjut. Kien sar appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) izda waqa' dezert. Jidher li wara dan, it-tabella kienet tnehhiet izda xorta baqa' jsir l-istess xoghol bla permess ghax l-ilmenti baqghu dehlin. Eventwalment giet sottomessa l-applikazzjoni PA/1927/16 li ghadha pendent f'idejn il-*case officer* koncernat. Il-multa in ezami tnisslet mir-rizultanzi ta' spezzjoni li saret fit-23 ta' Gunju 2014, fejn gie nnutat li kien qed isir xoghol illegali u ghalhekk, inhareg Avviz ta' Nfurzar, u wara li xorta x-xoghol illegali ma waqafx, inhareg *breach* soggett ghal multa gurnaljiera. Minn dawn l-ahhar zewg mizuri amministrattiva, ma sarx appell quddiem it-Tribunal. Ix-xhud ipprezenta d-dokumentazzjoni kollha relevanti mill-fajl tal-Awtorita`.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-Rikors promotur, is-socjeta` rikorrenti qed tipprevalixxi ruhha mill-procedura prospettata fis-subartikoli (7) u (8) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan wara li giet notifikat bl-att gudizzjarju bin-numru 3804/2018 u d-dikjarazzjoni ġuramentata annessa maghha li gew ipprezentati mill-Awtorita` tal-Ippjanar fit-12 ta' Novembru 2018 a tenur tas-subartikoli (6) u (7) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 biex tirkupra dejn fis-somma ta' €5,050.00, dovut abbazi ta' fattura INV10276. Skont l-Awtorita`, din is-somma tirrapprezenta multa għal kull gurnata hekk kif mahsuba fir-regolament 3 tal-L.S.522.24. Dawn ir-regolamenti gew maghmula bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 li jipprovdu hekk:-

> *(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dak l-avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli …*

Illi ghalkemm ir-regolamenti fl-Avviz Legali 276 tal-2012 (S.L. 522.24) gew promulgati b'applikazzjoni tal-Artikoli 61 u 79 tal-Kap. 504, il-legislazzjoni sussidjarja kollha maghmula taht l-imsemmi Kapitolu 504, giet trasposta inter alia ghall-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp) li fl-Artikolu 100(4) tieghu, jipprospetta l-hlas tal-multa ghal kull gurnata f'kaz ta' nuqqas ta' konformita` mal-Avviz mahrug skont l-Artikolu 86 tal-Kap. 504.

Illi skont kif gie dikjarat fl-att gudizzjarju ipprezentat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fit-8 ta' Novembru 2018, l-interpellazzjoni għall-hlas tal-multa fis-somma reklamata saret ai termini tal-Artikolu 100(6) u (7) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmija disposizzjonijiet, fil-partijiet relevanti taghhom, jipprovdu hekk:-

*(6) Meta l-Awtorità tkun trid tagħmel proċeduri ġudizzjarji biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolament li hija jkollha jedd li tenforza, iċ-Chairperson Eżekuttiv jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss miċ-Chairperson Eżekuttiv biex jaġixxi f'ismu, jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.*

*(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.*

Illi s-socjeta` rikorrenti tilmenta dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta iddecidiet hazin meta cahdet it-talba taghha sabiex tirreferi l-kwisjoni jekk l-Awtorita` intimata ghandhiex seta' li timponi multi lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. Filwaqt li din il-Qorti ma ghandha l-ebda' dubbju li l-procedura segwita mis-socjeta` rikorrenti

**sabiex timpunja l-ittra ufficjali 3804/2018** kienet dik korretta, ma taqbel xejn mas-socjeta` rikorrenti meta tghid li dawn il-proceduri huma l-forum idoneju **sabiex tigi diskussa il-validita`** ***o meno*****, u cioe` il-mertu tal-Avviz ta' Nfurzar** in kwistjoni li minnu tnisslet il-multa gurnaliera. Fil-fehma tal-Qorti, meta s-socjeta` rikorrenti naqset milli tintavola appell mill-Avviz quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, hija tilfet l-opportunita` li tikkontesta l-Avviz fuq il-mertu u l-hrug tal-ittra ufficjali mill-Awtorita` intimata sabiex trendi ezekuttiv favuriha l-ammont rapprezentanti l-multa gurnaliera kien biss konsegwenza naturali sal-fatt li l-Avviz gie kkonfermat in difett ta' appell. L-iskop ta' din il-procedura huwa wiehed markatament distint minn procedura ta' appell fejn il-mertu tal-azzjoni amminstrattiva mehuda mill-Awtorita` fil-konfront tas-socjeta` intimata. Dan stabbilit, ma hemm xejn xi jwaqqaf lis-socjeta` rikorrenti milli tittenta tagixxi direttament quddiem il-forum kompetenti jekk thoss illi fil-mertu, id-decizjoni tal-Awtorita`, li llum hija finali u taghmel stat, fic-cirkostanzi tal-kaz, hija leziva ghad-drittijiet fundamentali taghha.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha kif diverament preseduta fil-kawza fl-ismijiet ***Awtorita` tal-Ippjanar vs Steve Meli*** (deciza fil-11 ta' Frar 2021) fejn fil-kuntest ta' cirkostanzi simili ghall-kaz odjern, intqal li:

> *"Illi kif qalet tajjeb id-difensur tal-Awtorita`, ir-rikorrent ma jistax b'dawn il-proceduri igib fix-xejn l-effetti tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq notifikat lilu. Huwa kellu kull opportunita` li jattakka tali Avviz permezz ta' appell intavolat quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, pero` dan evidentement m'ghamlux. Minflok huwa ghamel applikazzjoni mal-istess Awtorita`, li eventwalment giet irtirata minnu peress li ma gabx l-approvazzjoni tal-Awtorita` ta' l-Artijiet biex juza l-art pubblika ghal skop*

*kummercjali. Illi ghalhekk dak li kellu jaghmel ir-rikorrenti kien li jnehhi l-illegalitjiet minnu kommessi. Dan evidentement sar biss fis-17 ta' Jannar 2020.*

*Ghaldaqstant, jirrizulta ampjament car illi r-rikorrenti m'ghandu l-ebda difiza ghall-pretensjonijiet tal-Awtorita` kif kontenuta fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Ma jirrizulta li hemm xejn infondat fit-talba maghmula mill-Awtorita` ghall-hlas ta' multa li kienet ghaddejja kuljum, liema multa r-rikorrent kien ben konsapevoli taghha stante li hija spjegata car fl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq".*

Illi s-socjeta` rikorrenti targumenta ukoll li gialadarba is-sit in kwistjoni gie koncess lilha minn entita` governattiva, u cioe` idak li fiz-zmien kien il-Kummissarju tal-Artijiet, ghaliha kienet konsegwenza logika u naturali li hija tista' topera mis-sit dawk l-attivitajiet kummercjali li kienu dikjarati bhala l-iskop tal-kirja. Ir-risposta ghal dan l-argument, fil-fehma ta' din il-Qorti hija cara u apparti konsiderazzjonijiet ohrajn li jirrigwardaw it-taqsim tal-kompetenzi bejn l-organi governattivi u l-*vires* relattivi, tohrog minn qari tal-kuntratt ta' lokazzjoni pprezentat mis-socjeta` rikorrenti stess, li **fil-klawsola 3.4 tieghu, itenni li *"this agreement shall not exempt the Lessees from the obligation of obtaining permit and/or license that may be required by any law or regulation in force from time to time"*.** Ghalhekk, lanqas dan l-argument ma ghandu mis-sewwa u qed jigi respint.

Illi in konkluzjoni, din il-Qorti tasal tikkummenta li l-Awtorita` intimata kienet klementi fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, ghax ghadd li tista' tghid li kien hemm sitwazzjoni ta' illegalita` fuq is-sit ma mis-snin 90, u l-ligi li stabbiliet l-impozizzjoni ta' multi gurnaljieri dahlet fis-sehh fis-sena 2012, id-decizjoni li

tigi nposta multa gurnaljiera ittiehdet biss f'Marzu 2018 u l-applikazzjoni tal-istess multa kienet ghal perjodu qasir.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, ghall-mottivi kollha spjegati, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-procedura billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u tiddikjara li l-ittra ufficjali bin-numru 3804/2018 hija valida ghall-effetti kollha tal-ligi u tikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti.**

**L-ispejjez kollha ta' din il-procedura thallashom is-socjeta` rikorrenti.**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**